**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 13/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Clayton Camilleri)**

**Vs**

**Kersten Catania**

**Illum 25 ta' Ottubru 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' Kersten Catania, iben Dimitrio u Grace neè Cini, imwieled Pietà fl-14 ta' Awwissu 1991 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 422191(M), talli fl-10 ta' Jannar 2022, għall-ħabta ta' 11:00 ta' filgħodu minn ġewwa l-ħanut Decathlon li jinsab fi Triq it-Tiġrija, Ħal-Qormi:

1. Ikkommetta serq ta' diversi oġġetti għad-detriment ta' Marco Bignotti, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur bi ksur ta' l-Artikoli 261, 263, 267, 278 u 280 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Kellu fil-pussess tiegħu sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta 'l barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta, ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju bi ksur ta' l-Artikoli 6 u 8 tal-Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet b'xi mod mhux imsemmi band'oħra fil-Kodiċi Kriminali, bi ksur ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali jew, jekk kien provokat, inġurja b'mod li ħareġ 'l barra mil-limiti tal-provokazzjoni, bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, il-Qorti, minbarra milli tinfliġġi il-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lil Kersten Catania sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti, ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba ulterjuri tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tittratta ma' Kersten Catania bħala reċidiv ta' sentenzi mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu u dan ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti markati Dok. "CC1" sa' Dok. "CC5", fosthom il-Kunsens ta' l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, esebiti mill-Prosekuzzjoni a fol. 6 sa' 20 tal-proċess;

Rat li fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2022 l-imputat, filwaqt li ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-kofront tiegħu[1];

Rat li fis-seduta ta' l-4 ta' Ottubru 2022[2], l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni huwa ikkonfermaha anke wara li l-Qorti spjegatlu l-implikazzjonijiet legali ta' tali ammissjoni u tatu biżżejjed żmien biex jerġa' lura minnha;

Semgħet ix-xhieda ta' Grace Atkinson[3], Anthea Bianco[4], Clive Camilleri[5], Bernard Mifsud[6], PS1284 Ian Caruana[7], PC2173 Sarah Galea[8] u PC1475 Ryan Sacco[9], ilkoll mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Frar 2022 u rat id-dokumenti esebiti minn PC2173 Sarah Galea markati Dok. "SG" sa' Dok. "SG2" a fol. 72 tal-proċess u d-dokumenti esebiti minn PC1475 Ryan Sacco markati Dok. "RS1" sa' Dok. "RS20" a fol. 75 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Marco Bignotti mogħtija waqt is-seduti ta' l-4 ta' Frar 2022[10], ta' l-10 ta' Marzu 2022[11] u ta' l-24 ta' Mejju 2022[12] u rat il-pendrives esebiti minnu markati Dok. "MBX" a fol. 99 tal-proċess u Dok. "MBY" a fol. 116 tal-proċess;

Rat li b'Digriet datat 4 ta' Frar 2022[13], l-imputat tqiegħed taħt Ordni ta' Superviżjoni Temporaneja pendenti l-eżitu ta' dawn il-proċeduri għall-fini li tiġi indirizzata l-problema ta' abbuż ta' droga li huwa għandu;

[1] Fol. 21 tal-proċess.
[2] Fol. 132 tal-proċess.
[3] Fol. 37 sa' 44 tal-proċess u fol. 54 tal-proċess.
[4] Fol. 55 sa' 58 tal-proċess.
[5] Fol. 59 sa' 62 tal-proċess.
[6] Fol. 63 sa' 66 tal-proċess.
[7] Fol. 67 u 68 tal-proċess.
[8] Fol. 69 sa' 71 tal-proċess u fol. 76 sa' 78 tal-proċess.
[9] Fol. 73 u 74 tal-proċess.
[10] Fol. 45 sa' 52 tal-proċess.
[11] Fol. 97 u 98 tal-proċess.
[12] Fol. 114 u 115 tal-proċess.
[13] Fol. 36 tal-proċess.

Rat ir-Rapporti ta' Andament ippreżentati mill-Probation Officer Gabriella James datati 4 ta' Marzu 2022[14], 21 ta' Marzu 2022[15], 28 ta' April 2022[16], 23 ta' Mejju 2022[17], 1 ta' Lulju 2022[18] u 30 ta' Settembru 2022[19];

Semgħet is-sottomissjonijiet dwar il-piena da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża wara li fis-seduta ta' l-4 ta' Ottubru 2022 l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli fl-10 ta' Jannar 2022, għall-ħabta ta' 11:00 ta' filgħodu minn ġewwa l-ħanut Decathlon li jinsab fi Triq it-Tiġrija, Ħal-Qormi: (1) Ikkommetta serq ta' diversi oġġetti għad-detriment ta' Marco Bignotti, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur bi ksur ta' l-Artikoli 261, 263, 267, 278 u 280 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (2) Kellu fil-pussess tiegħu sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta 'l barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta, ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju bi ksur ta' l-Artikoli 6 u 8 tal-Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta; (3) U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet b'xi mod mhux imsemmi band'oħra fil-Kodiċi Kriminali, bi ksur ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (4) U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali jew, jekk kien provokat, inġurja b'mod li ħareġ 'l barra mil-limiti tal-provokazzjoni, bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Prosekuzzjoni titlob li l-imputat jiġi trattat bħala reċidiv ai termini ta' l-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Oriġinarjament l-imputat, filwaqt li ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu. Madanakollu però fis-seduta ta' l-4 ta' Ottubru 2022 huwa rreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu.

Fid-dawl ta' tali ammissjoni kif ukoll fid-dawl tal-provi li tressqu mill-Prosekuzzjoni sa' l-istadju ta' l-ammissjoni da parte ta' l-imputat, il-Qorti tqis li għandha ssib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li ġie mixli bihom l-imputat u li huma minnu issa ammessi, il-fatt li r-refurtiva in kwistjoni ġiet ritornata lura lill-ħanut peress li l-imputat inqabad fil-fatt u ma laħaqx ħareġ mill-ħanut u ħadet in konsiderazzjoni r-Rapporti ta' Andament tal-Probation Officer Gabriella James li matul dawn il-proċeduri kienet qed issegwi lill-imputat a bażi ta'

[14] Ippreżentat fit-8 ta' Marzu 2022, fol. 89 sa' 95 tal-proċess.
[15] Ippreżentat fit-22 ta' Marzu 2022, fol. 105 u 106 tal-proċess.
[16] Ippreżentat fit-28 ta' April 2022, fol. 111 u 112 tal-proċess.
[17] Ippreżentat fl-24 ta' Mejju 2022, fol. 117 u 119 tal-proċess.
[18] Ippreżentat fl-1 ta' Lulju 2022, fol. 120 u 121 tal-proċess.
[19] Ippreżentat fit-3 ta' Ottubru 2022, fol. 130 u 131 tal-proċess.

Ordni ta' Superviżjoni Temporaneja. Minn dawn ir-Rapporti joħroġ b'mod ċar li għalkemm għall-bidu l-imputat ma weriex wisq inklinażżjoni lejn l-għajnuna li ippruvat tagħtih il-Probation Officer, f'dawn l-aħħar xhur l-attitudini tiegħu nbidlet għal waħda iktar pożittiva u kooperattiva. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll l-ammissjoni ta' l-imputat u l-fatt li t-tielet u r-raba' imputazzjonijiet dedotti kontrih huma assorbiti fl-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 31, 49, 50, 261(b)(ċ), 263(a), 267, 278(1)(2), 289, 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikoli 6 u 51(7) tal-Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat, kemm fuq il-provi kif ukoll fuq l-ammissjoni tiegħu stess:

1. Ħati ta' l-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu iżda, peress illi l-Qorti hija sodisfatta li fiċ-ċirkostanzi tal-każ u fid-dawl tal-fatt li l-imputat għandu diversi problemi, fosthom problemi ta' abbuż ta' sustanzi u alkohol, is-sorveljanza ta' l-istess imputat minn Uffiċjal tal-Probation hija mixtieqa fl-interess li tiġi assikurata r-rijabilitazzjoni tiegħu kif ukoll jiġi protett il-pubbliku, u sabiex jiġi prevenut l-għemil ta' reati oħra da parte ta' l-imsemmi imputat, a tenur ta' l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Probation għall-perijodu ta' tlett (3) snin millum, taħt dawk it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet relattiv maħruġ illum, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

   Il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem li huwa jifhem, x'inhuma l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation imposta fuqu bid-Digriet mogħti llum stess, u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu ma' tali Ordni ta' Probation jew jagħmel xi reat ieħor waqt il-perijodu ta' tali Ordni, huwa jista' jingħata sentenza għar-reati mertu ta' dawn il-proċeduri.

2. Ħati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-ħlas ta' multa fl-ammont ta' mija u sittax-il Euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47).

   Ai termini ta' l-Artikolu 14 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, peress li ma jirriżultax jekk l-imputat għandux o meno impjeg fiss, il-multa ta' €116.47 hawn imposta fuq l-imputat għandha titħallas fi żmien xahar mid-data meta din is-sentenza tgħaddi in ġudikat. Kemm-il darba l-imputat jonqos milli jħallas tali multa entro it-terminu hawn prefiss, il-multa tiġi konvertita fi priġunerija ai termini ta' l-Artikolu 11(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Peress li l-imputat għandu diversi problemi, fosthom problemi ta' abbuż ta' sustanzi u alkohol, il-Qorti tqis li huwa għandu bżonn l-għajnuna u trattament sabiex jindirizza dawn il-problemi u għaldaqstant a tenur ta' l-Artikolu 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Trattament u dana għall-perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza u taħt il-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet ta' Ordni ta' Trattament mogħti illum stess, liema Digriet jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tieghu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li ma jikkonformax ruħu ma xi rekwizit jew xi kondizzjoni ta' tali Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu, u ċioè li f'tali eventwalità il-Qorti tista' twaħħlu ammenda ta' mhux iżjed minn elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin centeżmu (€1,164.69).

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza flimkien ma' l-Ordni ta' Probation u l-Ordni ta' Trattament jiġu komunikati lid-Direttur tal-Probation Services.**

Peress illi fil-każ in eżami ma ġewx inkarigati Esperti, il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ai termini ta' l-Artikolu 370(6) u 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza, tad-Digriet għall-ħruġ ta' Ordni ta' Probation u tad-Digriet għall-ħruġ ta' Ordni ta' Trattament.**

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**